**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 9 ta' Novembru, 2017**

**Rikors Revoka Nru: 57/2017 AF**

**Ibrahim Halabia**

**vs**

**MPM Capital Investments Limited (C-46783)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MPM Capital Investments Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, intalbet din il-Qorti biex:

1. Tirrevoka u thassar in toto, jew sussidjarjament in parte, skond il-kaz il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet u bin-numru premessi a tenur tal-artikolu 836(1)(d) u/jew 836(1)(f) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili in kwantu dana jolqot il-kontijiet bankarji ma' Sparkasse Bank Malta plc li jgibu n-numru IBAN MT04 SBMT 5550 5000 0100 0001 5949 000, IBAN MT75 SBMT 5550 5000 0100 0001 5949 080, IBAN MT88 SBMT 5550 5000 0100 0001 5949 040, IBAN MT23 SBMT 5550 5000 0100 0001 5949 240 u IBAN MT74 SBMT 5550 5000 0100 0001 5949

001 u l-kontijiet bankarji ma' Banif Bank (Malta) plc li jgibu n-numri 00488852 101 u 00488852 151 rispettivament, u dan taht dawk il-kondizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni, u dan stante li dawn huma clients' accounts u mhumiex flejjes tas-sekwestrat imma flejjes li jappartjenu lil terzi u li ghalhekk m'ghadhomx ikunu suggetti ghall-mandat ta' sekwestru u sabiex tordna r-rilaxx lis-sidien proprji taghhom.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma li ma ghandix tilqa' t-talba tal-esponenti ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, tordna u tikkundanna lill-attur sabiex jaghti, fi zmien stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa lill-esponenti ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' spejjez, danni u imghax ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li, jekk tali garanzija ma tinghatax entro t-terminu akkordat, jitnehha l-mandat.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti ghad-danni naxxenti mill-mandat premess.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Ibrahim Halabia li, ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta, sostna li t-talbiet ta' MPM Capital Investments Limited ghandhom jigu michuda.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura s-socjetà MPM Capital Investments Limited qed titlob li din il-Qorti thassar mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghha minn Ibrahim Halabia sabiex dan tal-ahhar jikkawtela pretensjoni tieghu ghal kapital u investiment fl-ammont ta' hdax-il miljun Ewro (€11,000,000).

Is-socjetà rikorrenti qeghda ssejjes it-talba taghha fuq l-Art. 836(1)(d) u l-Art. 836 (1)(f) li testwalment jipprovdi ghal tali thassir:

> *"jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv; jew"*
>
> *"jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Il-Qorti tibda billi tirreferi ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Fenech vs Spiteri (3 ta' Awwissu 2001) fejn il-Qorti irriteniet kif gej:

> *"Ghandu jigi puntwalizzat li f'dawn il-proceduri l-kwestjonijiet sollevati, b'mod partikolari dawk il-kwestjonijiet li essenzjalment jappartjenu ghal meritu tal-kontroversja bejn il-partijiet, m'ghandhomx jigu trattati u ezaminati fil-fond. Hawnhekk qeghdin fil-kamp tal-"prima facie" u l-Qorti zgur li m'ghandiex tidhol u tesamina "funditus" il-meritu tal-kwestjoni. Hawnhekk si tratta ta' att kawtelatorju li jinhareg semplicement ghaliex l-intimat ikkonferma bil-gurament li huwa jippretendi li ghandu xi drittijiet fil-konfront ta' diversi persuni inkluzi r-rikorrenti. Hu ovvju li l-intimat, la darba ottjena l-hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni, ghandu jassumi r-responsabbilitajiet kollha u l-konsegwenzi kollha skond il-ligi anke fil-konfront tar-rikorrenti odjerni. F'dawn il-proceduri huma r-rikorrenti li ghandhom jipprovaw "prima facie" li l-att kawtelatorju in kwestjoni m'ghandux jinzamm fis-sehh u dana a bazi ta' dawk ir-ragunijiet li huma specifikati fil-ligi u li gew indikati mir-rikorrenti."*

L-istess intqal fid-decizjoni Camilleri vs Gové (10 ta' Mejju 2001). Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ukoll ghad-digriet tal-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Galea vs Stewart (29 ta' Lulju 2005).

Dan premess il-Qorti tghaddi biex tqis it-talba tas-socjetà rikorrenti a tenur tal-ewwel provvediment li fuqu qeghda tistrieh u cioé li l-ammont mhuwiex prima facie gustifikat jew huwa eccessiv.

Jirrizulta inkontestat illi l-kontijiet milquta mill-mandat kawtelatorju, *de quo* huma kollha clients' accounts tas-socjetà rikorrenti li topera fis-servizzi finanzjarji bhala paying agency, fost attivitajiet ohra u hija debitament licenzjata mill-Malta Financial Services Authority. L-istess kontijiet huma registrati bhala clients' accounts mal-fuq citata Awtorità.

Il-Qorti tikkunsidra illi l-Art. 3(2) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Assi skond l-Att dwar Servizzi ta' Investiment jipprovdi illi:

> *"Minkejja kull ma jista' jkun hemm imsemmi fl-artikolu 1894 tal-Kodici Civili jew fil-ftehim maghmul bejn il-persuna suggetta u l-klijent jew il-fatt li l-assi ta' klijent mizmuma taht il-kontroll ta' persuna suggetta jkunu registrati f'isem u taht it-titolu ta' persuna suggetta jew ikunu xort'ohra vestiti f'din il-persuna, dawk l-assi ghandhom jitqiesu bhala li jikkostitwixxu patrimonju distint, li jkun separat minn dak li jappartjeni lill-persuna suggetta u minn dak ta' klijenti ohra li jkollhom l-assi taghhom ukoll mizmuma taht il-kontroll tal-persuna suggetta."*

Il-Qorti tirreferi wkoll f'dan il-kuntest ghad-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Sultana noe vs MPM Capital Investments Limited (24 ta' Mejju 2017).

Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tata' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' MPM Capital Investments Limited u thassar il-mandat ta' sekwestru 1808/16 in kwantu dan jolqot il-kontijiet ma' Sparkasse Bank Malta li jgibu n-numri:

IBAN MT04 SBMT 5550 5000 0100 0001 5949 000,
IBAN MT75 SBMT 5550 5000 0100 0001 5949 080,
IBAN MT88 SBMT 5550 5000 0100 0001 5949 040,
IBAN MT23 SBMT 5550 5000 0100 0001 5949 240 u

IBAN MT74 SBMT 5550 5000 0100 0001 5949 001

u l-kontijiet bankarji ma' Banif Bank (Malta) plc li jgibu n-numri 00488852 101 u 00488852 151 rispettivament.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu pendenti bejn il-partijiet.

IMHALLEF